2024/3178

16.12.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/3178

tat-28 ta' Novembru 2024

dwar il-ħatra tal-Kmandant tat-Taħriġ Speċjali għall-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2097 (EUMAM Ukraine/1/2024)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1968 tas-17 ta' Ottubru 2022 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine).

(2) L-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968 jipprevedi li Stat Membru għandu jagħmel disponibbli Kmand ta' Taħriġ Speċjali multinazzjonali li għandu jmexxi attivitajiet ta' taħriġ fit-territorju tiegħu.

(3) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-ħatra tal-Kmandanti tal-UE għall-EUMAM Ukraine, inkluż il-Kmandant tat-Taħriġ Speċjali.

(4) Fis-27 ta' Ottubru 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2097 ([2]), li taħtar lil-Logutenent Ġeneral Andreas MARLOW bħala l-Kmandant tat-Taħriġ Speċjali għall-EUMAM Ukraine mill-istess data.

(5) Fit-12 ta' Novembru 2024, l-awtoritajiet Ġermaniżi pproponew il-ħatra tal-Maġġur Ġeneral Olaf ROHDE bħala l-Kmandant tat-Taħriġ Speċjali.

(6) Fl-14 ta' Novembru 2024, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE appoġġa dik il-ħatra proposta.

(7) Fil-15 ta' Novembru 2024, il-Kumitat Militari tal-UE qabel li jirrakkomanda li l-Maġġur Ġeneral Olaf ROHDE jinħatar bħala l-Kmandant tat-Taħriġ Speċjali.

(8) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Maġġur Ġeneral Olaf ROHDE bħala l-Kmandant tat-Taħriġ Speċjali għall-EUMAM Ukraine.

(9) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2097 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Maġġur Ġeneral Olaf ROHDE huwa b'dan maħtur Kmandant tat-Taħriġ Speċjali għall-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine).

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2097 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 270, 18.10.2022, p. 85.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/2097 tas-27 ta' Ottubru 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant tat-Taħriġ Speċjali għall-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) (EUMAM Ukraine/2/2022) (ĠU L 281, 31.10.2022, p. 72).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2024.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK